Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 3/2015

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol numru 3130/CC bejn:**

**XX**

**vs**

**Glimmer Limited (C-43108) u Tumas Gaming Limited (C- 22700) li b'decizjoni preliminari numru 2237 datata 24 ta' Lulju, 2013 giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju**

7 ta' Frar 2017.

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' XX** tas-27 ta' Mejju 2013 permezz ta' liema hija talbet lit-Tribunal Industrijali sabiex (i) jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha minn mas-socjetajiet intimati kienet wahda abbuziva u ngusta a tenur tal-Kapitolu 452; (ii) jikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsuha kumpens skont il-ligi; u (iii) jaghti dawk id-direzzjonijiet u ordnijiet li jidhirlu xieraq fic-cirkustanzi.

Rat **id-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta' Glimmer Ltd** tal-21 ta' Gunju 2013[1] li fiha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet (i) preliminarjament, is-socjeta' hallset il-kumpens kollu dovut skont il-ligi meta tterminat il-kuntratt definit tar-rikorrenti, liema hlas gie accettat bla rizervi. M'hemmx ghalhekk lok li tkomplu l-kawza; (ii) f'dan l-isfond ic-cirkustanzi *de quo* ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu ta' tkeccija ngusta u ghaldaqstant il-proceduri huma inammissibbli irriti u nulli; (iii) bla pregudizzju, r-rikorrenti kienet impjegata maghha biss u mhux mas-socjeta' ntimata l-ohra; u (iv) fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati.

Rat **id-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta' Tumas Gaming Ltd** tal-26 ta' Gunju 2013[2] li permezz taghha sostniet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti ghaliex din qatt ma kienet impjegata maghha. F'kull kaz it-talbiet huma nfondati.

Rat **id-decizjoni preliminari tat-Tribunal tal-24 ta' Lulju 2013**[3] li (i) laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' Tumas Gaming Ltd u lliberaha mill-osservanza tal-gudizzju peress li r-rikorrenti qatt ma kienet impjegata maghha; u (ii) cahdet l-eccezzjoni

[1] Fol 22 et seq.
[2] Fol 26.
[3] Fol 66 et seq.

imressqa minn Glimmer Ltd biex il-kawza tieqaf ghax kienet ottemprat ruhha mal-ligi meta hallset il-kumpens lir-rikorrenti.

Rat **id-decizjoni finali tat-Tribunal tal-4 ta' Frar 2015** li ddecidiet hekk:

*"Tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan kien kaz ta' temm ta' kuntratt tax-xoghol b'mod prematur u fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi li din it-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti la kienet ingusta u lanqas abbuziva. Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."*

Ir-rikorrenti appellat mid-decizjoni quddiem din il-Qorti. Is-socjeta' Glimmer Ltd wiegbet[4]. Fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2016[5] saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-aggravji.</u>**

L-ilmenti huma li:

i. It-Tribunal ghamel applikazzjoni ta' ligi zbaljata ghac-cirkustanzi tal-kaz. Fil-fehma taghha, minhabba l-fatt li fil-mument tat-tkeccija taghha mill-impieg hi kienet tqila, kellhom jigu applikati r-Regolamenti Dwar il-Harsien tal-Maternita' (Impieg)[6] u mhux l-artikolu 36 (11) tal-Kap 452; u

ii. Bla pregudizzju, is-socjeta' appellata ma kellhiex kawza tajba u sufficjenti ghat-terminazzjoni tal-impieg.

Is-socjeta' appellata rribattiet li:

i. L-appell huwa irritu u null ghax ma jissollevax punti ta' dritt a tenur tal-artikolu 82 (3) tal-Kap 452;
ii. L-appellanti ma kinitx tikkwalifika awtomatikament bhala "mara tqila" ghall-fini tal-L.S.452.91 il-ghaliex fl-istadju tat-terminazzjoni tal-impieg hija kienet ghadha m'ottempratx ruhha formalment mar-rekwiziti kollha tal-ligi; u
iii. Is-socjeta' appellata tterminat l-impieg ghal raguni tajba u sufficjenti.

Mill-atti jirrizulta li:

i. Fil-21 ta' Gunju 2012 l-appellanti u s-socjeta' appellata Glimmer Ltd iffirmaw **kuntratt definit ghal perjodu ta' sena b'effett mill-25 ta' Gunju 2012, li kien jaghlaq fl-24 ta' Gunju 2013[7]**. L-ewwel sitt xhur kellhom

[4] A fol 11 et seq.
[5] Fol 33.
[6] L.S. 452.91.
[7] Il-kuntratt jipprovdi: *"This agreement shall automatically lapse on the 24th June 2013".*

ikunu perjodu ta' prova. Il-kariga tal-appellanti kellha tkun ta' *Business Development Manager*[8]. Inoltre, fil-kuntratt ta' mpieg m'hemm l-ebda disposizzjoni li tipprovdi li l-kuntratt jiggeded awtomatikament, anzi jinghad li: *"The Employer is not obliged to give any reason for non-renewal of this contract"*.

ii. Fl-4 ta' Frar 2013 l-appellanti baghtet *email* lid-Direttur tas-socjeta' appellata Anthony Farrugia u lil Leanne Tabone nkarigata mir-rizorsi umani biex tinfurmahom li kienet tqila u talbet laqgha ma' Tabone biex jigu spjegati lilha l-proceduri mehtiega fic-cirkostanzi[9];

iii. Fil-15 ta' Frar 2013 Anthony Farrugia, fil-prezenza tal-konsulent legali tas-socjeta' baghat ghall-appellanti u nfurmaha li ma kienx behsiebu jgeddilha l-kuntratt ta' mpjieg taghha ghax ma kienx kuntent bil-prestazzjoni lavorattiva taghha u offrielha l-ghazla bejn zewg alternattivi – (a) jew li tahdem il-perjodu kollu tal-kuntratt jew li l-kuntratt jigi terminat b'effett immedjat u jhallsuha l-penali skont il-ligi. L-appellanti staqsiet jekk dan kollu kienx minhabba l-fatt li hija kienet tqila;

iv. Anthony Farrugia insista li qabel il-laqgha tal-15 ta' Frar huwa ma kienx ra l-email tal-4 ta' Frar tal-appellanti u fetahha meta l-appellanti gibditlu l-attenzjoni ghaliha waqt l-istess laqgha[10];

v. Minhabba li waqt din il-laqgha l-argumenti bejn l-appellanti u Anthony Farrugia bdew jeskalaw gie miftiehem li jergghu jiltaqghu it-Tnejn biex ikomplu jiddiskutu;

vi. L-ghada 16 ta' Frar 2013 l-appellanti bghatet email lil Anthony Farrugia, fejn talbitu ittra bil-miktub dwar dak li kienu tkellmu dwaru l-gurnata ta' qabel sabiex hija tkun tista' tiehu parir legali[11];

vii. L-appellanti tghid li l-ghan tal-*email* kien li jinghatawlha bil-miktub iz-zewg alternattivi offruti lilha[12]. Minn naha l-ohra Anthony Farrugia jghid li ghalih l-ittra msemmija fl-*email* kienet dik ta' terminazzjoni li ddiskutew waqt il-laqgha. Jghid ukoll li fl-istess *email* l-appellanti nsultatu meta akkuzatu b'agir mhux professjonali u addirittura kkupjat l-*email* lis-siehba strategici taghhom. F'dak l-istadju huwa ma setax aktar jara relazzjoni ta' xoghol vijabbli aktar bejniethom [13];

viii. Fit-18 ta' Frar 2013 l-appellanti nghatat l-ittra ta' terminazzjoni ta' mpjieg permezz ta' liema giet infurmata li, *"due to your poor performance to date,*

[8] Fol 7 et seq.
[9] Fol 261.
[10] Fol 277.
[11] Fol 17.
[12] Fol 395.
[13] Fol 103-104.

*notably the lack of sales since your engagement, notwithstanding your assurances prior to engagement, Glimmer Ltd has decided to terminate your contract of employment, with immediate effect*[14];

ix. Mat-terminazzjoni s-socjeta' appellata hallset lill-appellanti s-somma totali ta' €5,272.41[15] jkopri nofs is-salarju dovut lilha sal-iskadenza tal-kuntratt, mill-liema somma €1952.24 thallsu b'*direct debit* u €3418.71 permezz ta' cekk li gie msarraf mill-appellanti fit-3 t'April 2013[16].

Il-kuntratt ta' xoghol in kwistjoni huwa definit. It-terminazzjoni ta' mpjieg qabel il-waqt ta' tali kuntratt hu regolat mill-artikolu 36 tal-Kap 452, li fis-subartikoli (11) u (14) jipprovdu hekk:-

*"(11) Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz,* ***ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem****.*

*[…]*

*(14) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal,* ***mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12)*** *jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:*

*Iżda prinċipal ma jistax iġib bħala raġuni tajba u biżżejjed-*

*[…]*

*(d) illi impjegata tkun tqila b'tarbija….."*

Dan ifisser li fejn it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' xoghol definit issir ghal raguni gusta u sufficjenti, il-principal m'ghandux obbligu li jhallas nofs il-paga[17]. Fil-kazijiet l-ohra, l-obbligu tal-kumpens lill-haddiem hu tassattiv.

Fil-kaz tal-lum, mill-bidunett tal-proceduri quddiem it-Tribunal, is-socjeta' appellata argumentat li hija kellha raguni tajba u sufficjenti biex tittermina l-impieg tal-appellanti. Izda nonostante dan, hija ghaddiet biex tikkumpensa lill-istess appellanti nofs il-paga kollha li kienet tkun dovuta lilha sa tmiem il-kuntratt.

L-istess jinghad ghall-appellanti. Minkejja li l-bazi tal-azzjoni taghha kienet l-allegata tkeccija ngusta minhabba l-fatt li hija kienet tqila b'tarbija, hija accettat minghajr ebda rizervi il-kumpens li nghata lilha skont l-artikolu 36 (11).

Dan ma jfisser xejn hlief li gie applikat dak li jipprovdi l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452; bis-socjeta' appellata thallas lill-appellanti dak li hu dovut skont il-ligi f'kaz ta'

[14] Fol 18.
[15] Fol 70; u xhieda ta' Ramon Ceci a fol 92-93 u fol 455 et seq.
[16] Fol 25; u xhieda tal-appellanti a fol 74.
[17] Riflessjoni ta' dan il-principju tinsab ukoll inserita fil-kuntratt ta' xoghol tal-appellanti - Klawsola 10.2 intestata *"Termination and Suspension"*.

terminazzjoni ta' mpjieg definit qabel il-waqt (hi x'inhi r-raguni), u bl-appellanti tircievi l-kumpens massimu akkordat mill-ligi ghal tali terminazzjoni.

**Fl-ewwel aggravju** l-appellanti targumenta illi l-ligi applikabbli ghall-kaz kienet il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.91 (r-Regolamenti dwar il-Harsien tal-Maternita' (Impieg)) u mhux l-artikolu 36 (11) tal-Kap 452. L-ghan wara dawn ir-regolamenti hu li jaghti protezzjoni lin-nisa mpjegati li jkunu tqal. Regolamenti li japplikaw ukoll fil-kaz ta' kuntratt ta' impieg ghal zmien fiss (regolament 10). Fil-kaz ta' impieg ghal zmien fiss, principal ma jistax ikecci impjegata ghaliex tkun tqila (regolament 11). Pero' dan ma japplikax fejn ikun hemm raguni tajba biex l-impjegata titkecca (regolament 11(2)).

L-appellanti argumentat li ghall-kaz taghha japplika r-regolament 12(3) li jipprovdi:
*"F'kazijiet meta jkun hemm kawza tajba u sufficjenti ghat-tkeccija tal-impjegata, il-principal ghandu:*

*(a) jgib ragunijiet debitament sostanzjati ghat-tkeccija taghha bil-miktub fl-avviz ta' terminazzjoni taghha;*
*(b) jibghat kopja ta' dan l-avviz lid-Direttur".*

L-avviz tat-terminazzjoni tal-impieg datat 18 ta' Frar 2013 jaqra:
*"Please be advised that due to your performance to date, notably the lack of sales since your engagement, notwithstanding your assurances prior to engagement, Glimmer Ltd has decided to terminate your contract of employment, with immediate effect".*

L-appellanti ssostni li dak l-avviz ma kienx konformi ma' dak li jipprovdi regolament 12(3). Hu x'inhu, minn qari ta' L.S. 452.91 ma jirrizultax li jekk l-avviz ta' terminazzjoni m'huwiex konformi mar-regolament, allura dak jissarraf f'terminazzjoni ngusta tal-impieg. F'kull kaz mill-provi rrizulta li kienet l-appellanti stess li accettat u zammet il-kumpens li nghatat skont l-artikolu 36 tal-Kap. 452. Kumpens li fir-realta' wiehed jista' jsostni li m'huwiex dovut gialadarba t-Tribunal ikkonkluda li, *"... t-tmiem tal-impieg tal-appellanti ma kienx konness mal-gravidanza taghha izda minhabba l-prestazzjoni lavorattiva".*

**Fit-tieni aggravju** l-appellanti argumentat ukoll li t-Tribunal ma kienx korrett meta bbaza d-decizjoni tieghu fuq id-diposizzjonijiet tal-kuntratt ta' impieg taghha. Kompliet:
*"Fl-ewwel lok, ta min jinnota li la l-klawsola tal-kuntratt ta' impieg u lanqas il-kuntratt tal-impieg ma jsemmu xejn dwar tkeccija fl-eventwalita' li mpjegata tinqabad tqila. Fit-tieni lok, anke jekk stess, dato ma non concesso, kellu jigi ppruvat li r-rikorrenti appellanta tassew ma pprestatx is-servizzi mehtiega, allura kellha tiskatta l-applikazzjoni tal-Artikolu 42 tal-Kap. 452….."*

Kull m'ghamel it-Tribunal hu li semma klawzola 10.1(c) tal-kuntratt ta' impieg (*Termination and Suspension*), u gustament osserva li l-principal ta r-ragun ghalfejn ittermina l-impieg tal-appellanti. Dik il-klawzola tipprovdi li l-principal kellu dritt li jittermina l-impieg tal-appellanti b'mod sommarju fl-eventwalita:
*"(a) The Employee is in breach of any of the terms and condtions of this Agreement;*
*(b)The Employee has committed an act of misconduct, or breach of trust, or has been found guilty of a criminal offence;*
*(c)The Empolyee fails to carry out any of his/her duties under this Agreement or as reasonably required by the Employer".*

Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq din id-disposizzjoni. Semplicement ghamel riferenza ghaliha. It-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-fatt li fil-fehma tieghu mill-provi kien irrizulta li kien hemm kawza gusta ghalfejn il-principal ittermina l-impieg tal-appellata. Il-fatt li l-appellanti kienet tqila ma jfissirx li l-principal ma kellux dritt jittermina l-impieg taghha ladarba rrizulta li t-Tribunal li kien hemma kawza tajba u sufficjenti ghat-tkeccija tal-appellanti, u anzi l-Legislazzjoni Sussidjarja 452.91 tipprovdi mod iehor.

F'kull kaz, l-argumenti tal-appellanti huma diretti lejn apprezzament mill-gdid tal-provi ghaliex sabiex jigi kkunsidrat dan l-aggravju l-appellanti qeghda tistieden lil din il-qorti sabiex taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid. Dan m'huwiex possibbli gialadarba l-jedd tal-appell hu fuq punt ta' dritt (artikolu 82 (3) tal-Kap 452).

It-tieni aggravju wkoll ifalli taht id-dispost tal-artikolu 82(3) msemmi. F'dan ir-rigward l-appellanti qalet:

*"29. Illi r-regolament 12(3) tar-Regolamenti msemmija jaghmilha tassattiva li sabiex titkecca impjegata tqila jrid ikun hemm kawza tajba u sufficjenti. Din hija kundizzjoni sine qua non u ladarba din tigi sodisfatta jiskattaw il-kundizzjonijiet l-ohra mposti fuq il-principal mill-istess regolament, kif enuncjati f'aktar dettall fl-ewwel aggravju.*

*30. Illi minghajr ma r-rikorrenti appellanti taghmel apprezzament tal-provi, irid jigi sottomess illi mill-provi prodotti jirrizulta ampju li l-allegazzjoni tas-socjeta appellata li t-tkeccija kienet wahda bbazata fuq prestazzjoni insodisfacenti tar-rikorrenti appellant hija allegazzjoni infondata u ma ssib l-ebda konfort mill-provi prodotti. Madankollu, it-Tribunal Industrijali donnu sab li l-argumenti tas-socjeta appellata kienu aktar konvincenti minn dawk tar-rikorrenti appellanti.*

*31. Illi tali kawza tajba u sufficjenti, skont l-istess regolament 12(3)(a) tar-Regolamenti, trid tkun 'debitament sostanzjata', xi haga li certament ma saritx min-naha tas-socjeta konvenuta. Ghandu jigi ribadit li l-provi migjuba mis-socjeta appellata m'humiex b'sahhithom bizzejjed sabiex iwasslu l-gudikant ghas-serhan il-mohh mehtieg rigwardanti l-kawza tajba u sufficjenti rikjesta mil-ligi".*

Minn dan l-estratt tat-tieni aggravju hu altru milli evidenti li l-ilment tal-appellanti mhu xejn ghajr stedina biex din il-qorti taghmel l-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi mill-gdid, u tasal ghal konvinciment li l-verzjoni tal-appellanti hi iktar kredibbli minn dik tal-appellata. Dan m'huwiex possibbli in kwantu appell jista' jsir biss fuq punt ta' dritt. It-tieni aggravju hu fuq punt ta' fatt u xejn iktar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul